MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**CAROL PERALTA**

Seduta tad-19 ta' April, 2013

Numru. 381/2013

**PULIZIJA**
**SPETTUR LUKE BONELLO**

**VS**

**VINCENZO BOTTARO**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Vincenzo Bottaro, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 65480 (A).

**Akkuzat talli:**

1. Fil-lejl ta` bejn is-17 ta` April, 2013, u l-18 ta` April, 2013, gewwa San Giljan, ikkometta serq ikkwalifikat bil-hin, ta` diversi oggetti liema valur globali ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), ghad-deteriment ta` Saskia Lelia Cayo Huerta u David Castillo;

2. U aktar talli, fl-istess lok, hin u cirkostanzi, xjentement laqa` ghandu jew xtara hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat liema valur globali ma jeccedix il-mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94), sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxiehom;

3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, ikkometta reat waqt il-perjodu operattiv ta` sentenza sospiza mghotija lilu mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman nhar it-3 ta` Dicembru, 2011, liema sentenza hija definittiva u ma tistax tinbidel.

**Il-Qorti:**

Wara li rat l-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Wara li rat il-provi prodotta u semghet ix-xhieda mressqa;

Rat l-imputazzjonijiet;

Rat is-sentenza moghtija mill-Magistrat Dr. Miriam Hayman, LL.D., nhar it-3 ta` Dicembru, 2011, fejn l-imputat kien gie kkundannat disa` (9) xhur habs sospizi ghal-tmintax (18) –il xahar.

Innotat li dan ir-reat kien sehh fiz-zmien operattiv tas-sentenza fuq citata.

Din il-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah illi t-terminu tas-sospenzjoni moghtija fis-sentenza fuq citata qieghed jigi estiz ghal perjodu ta` tlett (3) snin.

Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------